MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 264/2014

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Jean Pierre Caruana (K.I. 6191M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€330.85c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40194304 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkata Dok IZY1 u Dok IZY2-prospett u ftehim ghall-akkont ghall-akkont relattiv u Dok IZY3- estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4- kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-02 ta' Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€330.85c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-avviz ta' din it-talba sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------